# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 16

Data tal-laqgħa: 27 ta' Marzu, 2020

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2020 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Assenti b'appoloġija | Helene Gauci |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**16/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**16/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tas-Sindku Helene Gauci biex tiġi skużata minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li tiġi reġistrata bħala Assenti b'appoloġija.

**16/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni talħ-Minuti**

**16/02/01** **Para 14/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li għadna qed nistennew risposta mill-FTZD rigward meta l-latrini pubbliċi ser jgħaddu għandhom.

**16/02/02** **Para 14/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-AED tpoġġiet mal-faċċata tal-Uffiċċju Amministrattiv.

**16/02/03** **Para 14/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew il-ħaddiema mid-District Office biex isiru toqob għal *bollards* f'toroq prinċipali.

**16/02/04** **Para 14/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki.

**16/02/05** **Para 14/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja.

**16/02/06** **Para 14/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser nipprovaw inġibu fondi biex jinbidel is-*safety flooring* ta' Ġnien il-Paċi, sabiex ikun hemm bandla għat-tfal iż-żgħar u *playhouse*, nibdlu l-arbli u l-bozoz isiru LED, barra minn hekk, isir *foam* ma' dawra tal-arbli sabiex it-tfal ma jweġġgħux.

**16/02/07** **Para 14/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida u ż-żewġ arbli għal Triq iċ-Ċawl għadhom ma sarux.

**16/02/08** **Para 14/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*perspex* għal fuq ir-*reception desk* tal-Kunsill dalwaqt tkun lesta.

**16/02/09** **Para 14/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Fenech ser jaħdem il-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll jibdel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju.

**16/02/10** **Para 14/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex issir *sleeping police* ħdejn il-ħruġ mill-McDonald's.

**16/02/11** **Para 14/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-*reflectors* għal mal-*crash barriers* ta' Triq Għar San Brinkat saru.

**16/02/12** **Para 14/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-biċċa *rubber* għal kantuniera mad-dar Roma fi Triq San Nikola saret.

**16/02/13** **Para 14/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l- *flexible rubber bollards* għad-daħla ta' ħdejn il-Kunsill quddiem id-djar saru.

**16/02/14** **Para 14/05/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-1m *double yellow line* ħdejn garaxx fi Triq Stiefnu Zerafa sar.

**16/02/15** **Para 14/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li risposta mill-Kurja fuq l-art fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu kienet li l-Kurja mhix obbligata li tinfurmana rigward sejħiet għall-offerti.

**16/02/16** **Para 14/05/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew linji gwida mingħand il-Lands Authority sabiex noħorġu *expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata.

**16/02/17** **Para 14/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċevejna xejn mill-Planning Authority fuq jekk hux ħa tinfetaħ xi triq fi Triq Santa Katerina.

**16/02/18** **Para 14/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-MEUSAC qed jgħinuna biex napplikaw għal fondi tal-UE biex isir restawr tal-ħitan tas-sejjieħ tal-Ġnien tal-Ponta.

**16/02/19** **Para 14/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li laqgħa mal-Ministru ta' Turiżmu fuq il-proġett tal-Lanċiritka għal issa pendenti.

**16/02/20** **Para 14/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret it-talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**16/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**16/03/01** Ma kienx hemm.

**16/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**16/04/01** Ma kienx hemm.

**16/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**16/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 12 ta' Frar 2020).

**16/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 19 ta' Frar 2020).

**16/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority – PA/01334/19 Planning Authority communication. Notification of report and board sitting.

**16/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority – PA/08000/19 Planning Authority communication. Notification of Decision Notice.

**16/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 26 ta' Frar 2020).

**16/05/06** Reġjun Tramuntana offra 2 CCTV Cameras. Il-Kunsill qabel li jiġu installati fil-Ġnien ta' Żagħruna.

**16/05/07** Is-Sa Shelly Huang talbet *un/loading bay* quddiem restaurant numru 3, fi Triq San Bartilmew. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**16/05/08** Resident ressaq li ssir *bollard* u tabella *no cars entry* fi Triq il-Ġdida. Il-Kunsill qabel li ssir tabella *no heavy vehicles* peress li hemm il-garaxxijiet.

**16/05/09** Resident ressaq li ssir Keep Clear quddiem 'The Calling' fi Triq Caravaggio. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat li ssir imma bħalissa qed isiru xogħlijiet minn Infrastructure Malta.

**16/05/10** Residenta resqet li ssir il-bankina ta' quddiem Apex B fi Vjal ir-Repubblika. Kien hemm qbil unanimu.

**16/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 11 ta' Marzu 2020).

**16/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 18 ta' Marzu 2020).

**16/05/13** Resident ressaq li jiġu installati 2 tabelli fi Triq Għaxqet l-Għajn illi iwissu minn xi ġebel li jista' jaqa' minn ħajt tas-sejjiegħ. Kien hemm qbil unanimu.

**16/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 25 ta' Marzu 2020).

**16/05/15** Fuq it-talba għal bank fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu ħdejn ix-xatba. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax il-bankina dejqa.

**16/05/16** Fuq it-talba għal parking bay għal min juża l-ATM. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax jinqata' parkeġġ.

**16/05/17** Fuq it-talba għal *double yellow line* fi Triq iċ-Ċawl k/m Triq Caravaggio. Kien hemm qbil unanimu.

**16/05/18** Fuq it-talba għal żewġ mirjiet fit-truf ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. Ġie deċiż li ssir *site-visit.*

**16/05/19** Fuq it-talba biex Sqaq numru 1 fi Triq San Ġwann ikun pavimentat. Il-Kunsill ma laqax din it-talba. Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard*. Kien hemm qbil unanimu. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tara jekk nistgħux napplikaw għal fondi tal-UIF.

**16/05/20** Fuq it-talba biex titranġa l-bankina ta' ħdejn Fusinu Triq Stiefnu Zerafa. Kien hemm qbil unanimu.

**16/05/21** Fuq it-talba biex titranġa l-bankina ta' Vjal ir-Repubblika k/m Triq Vendome. Kien hemm qbil unanimu.

**16/05/22** Fuq it-talba biex il-*letterbox* timxi minn fejn l-għassa għal pjazza. Kien hemm qbil li ngħidu lil Maltapost biex din teħel fil-pjazza bejn il-kamra li kienet tal-Kappillan u l-arblu tad-dawl. Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li ssir *notice board* qrib l-Għassa tal-Pulizija. Kien hemm qbil unanimu.

**16/05/23** Fuq it-talba biex iz-*zebra crossing* ta' Triq Caravaggio timxi minn quddiem il-blokka Don Bert Apartments. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**16/05/24** Fuq it-talba biex il-*letterbox* ta' Triq San Bartilmew timxi minn fejn qeda. Kien hemm qbil unanimu.

**16/05/25** Fuq it-talba biex Triq Dun Karm Vella tiġi *one-way*. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**16/05/26** Fuq it-talba biex il-*letterbox* timxi minn fejn l-għassa għal pjazza. Kien hemm qbil unanimu.

**16/05/27** Fuq it-talba għal *speed humps* fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**16/05/28** Fuq it-talba biex teħel mera fuq *pole* fi Triq Santa Katerina qrib Quarry 5. Kien hemm qbil unanimu.

**16/05/29** Fuq it-talba għal *cameras* fi Triq Għaxqet l-Għajn. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**16/05/30** Fuq it-talba għal tabella sabiex is-sewwieqa jipparkjaw bl-*exhaust pipe* 'il barra fi Triq Fra D. Mifsud. Kien hemm qbil unanimu.

**16/05/31** Fuq it-talba biex jitpoġġew iktar *bins* fi Triq Għaxqet l-Għajn. Kien hemm qbil li nixtru 4 bins.

**16/05/32** Is-Sur Carl Grech ressaq li nkelmu lis-Sinjura Catherine Fenech rigward il-ħsara fil-ġibjun li jaqa' taħt il-Lands u fih ħsarat konsiderevoli. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tagħmel kuntatt magħha.

**16/05/33** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nordnaw tabella AED (Automated External Defibrillator). Kien hemm qbil unanimu.

**16/05/34** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsiru żewġ *picnic benches* għat-tfal fi Ġnien il-Paċi. Kien hemm qbil unanimu.

**16/05/35** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li ssir tabella tal-*bye-laws* ħdejn Għar San Brinkat u sabiex tinbidel it-tabella tal-*bye-laws* dwar il-Ħarsien tal-Pont ta' Wied id-Dis. Kien hemm qbil unanimu.

**16/05/36** Is-Sur Abraham Aquilina qal li l-MAGF nediet *Measure 1 – Restoration of Assets of Artistic and Cultural Value.*

**16/05/37** Is-Sur Abraham Aquilina qal li attivitajiet tar-Reġjun Tramuntana ġew posposti.

**16/06** **Aġġudikazzjoni tat-Tender –** ***Services of a Contracts Manager for the Ħal Għargħur Local Council***

**16/06/01** Il-bord tal-għażla kien magħmul minn Carl Grech bħala c-Chairperson, Helene Gauci, Abraham Aquilina u Christopher Fenech bħala evalwaturi kif ukoll Maria Tanti bħala s-Segretarju. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tingħażel l-irħas offerta konformi fil-parti Amministrattiva, Teknika u Finanzjarja ta' Adrian Mifsud (BOOM Advisory & Consultancy Services) u għaldaqstant dan ir-rapport kif ukoll il-minuti ġew approvati.

**16/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**16/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**16/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**16/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:40p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 16 ta' April 2020 fis-6:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**